# Il-Fabbrika u l-Produzzjoni tal-Ħalib



minn Ivan Bugeja

Drawwa antika li llum spiċċat għal kollox kienet dik illi ta' kuljum fit-toroq Maltin kont tara xi raħħal għaddej ma' xi merħla mogħoż. F'dawk iż-żminijiet ma kontx issib tixtri l-ħalib mill-ħwienet bħal ma jinxtara l-lum u l-bejgħ tal-ħalib frisk kien isir bieb bieb. Xi ħwienet tat-te` kienu anki jżommu xi mogħża marbuta ħdejn il-bieb ta' barra sabiex jeħilbuha quddiem il-klijenti tagħhom. Iżda dawn id-drawwiet kienu qed iwasslu sabiex ta' kull sena kienu qegħdin jimirdu ħafna nies bid-Deni Rqiq.



Lejn il-bidu tas-Snin Għoxrin l-Awtoritajiet tas-Saħħa bdew iħeġġu lill-poplu Malti sabiex jgħalli l-ħalib qabel jixorbu ħalli b'hekk jeqred l-mikrobi. *Slogan* popolari għal din il-kampanja kien jgħid hekk "Għallu l-ħalib qabel jgħallikom". Fit-23 ta' Marzu tal-1923 kien anki nħareġ Avviż Leġali (51/1923) fejn ipprojbixxa l-bejgħ tal-ħalib mhux imsajjar. Avviz ieħor din id-darba dwar il-prevenzjoni tal-marda tad-Deni Rqiq (50/1924) kien inħareġ nhar it-8 ta' Frar 1924. Imbagħad lejn l-1931 il-Gvern kien waqqaf kumitat sabiex jistudja l-bini t'impjant għall-ippasturizzar tal-ħalib, ħalli b'hekk il-marda tad-Deni Rqiq tkun eleminata darba għal dejjem minn pajjiżna.

Dan wassal sabiex fl-1936 ingħata bidu għall-bini tal-fabbrika tal-ħalib fil-Hamrun, eżattament fil-post fejn kien hemm l-istazzjon tal-ferrovija. L-ewwel provi tal-ippasturizzar tal-ħalib kienu saru nhar il-11 ta' Novembru tal-1937. Imbagħad fil-11 ta' Mejju tal-1938 saret l-inawgurazzjoni tal-fabbrika mill-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter. Minn hawnhekk 'il quddiem madwar 3,600 litru ta' ħalib "Tal-Gvern" beda jinbiegħ ta' kuljum minn vannijiet fil-Hamrun, il-Belt Valletta, Tas-Sliema u l-Furjana. Fl-istess snin twaqqaf ukoll id-Dipartiment għall-Kontroll tal-Bejgħ tal-Halib, li beda jopera minn 44C, Triq Maitland, il-Hamrun. Bħala maniġer kien inħatar S.F. Barnes bl-assistent tiegħu jkun A.K. Eaton. It-tmexxija tal-uffiċċju kienet fdata f'idejn A.C. Crockford.
It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet nuqqas kbir ta' ħalib, l-aktar għall-fatt illi ħafna mogħoż bdew jinqatlu għall-ikel. Min-naħa l-oħra, il-każijiet ta' nies morda bid-deni rqiq komplew żdiedu fin-numru.




*ikompli f'paġna 75*



Għalhekk id-dipartiment beda jqassam il-ħalib tat-trab bir-*ration*. Kien biss fl-1943 li l-produzzjoni tal-ħalib ippasturizzat reġgħet bdiet ġejja għan-normal. Fl-istess sena d-dipartiment responsabbli beda jissejjaħ bħala *Milk Marketing Undertaking* (M.M.U.) u hawnhekk naraw illi flimkien mal-ħalib tal-mogħoż beda jinxtara anki dak tal-baqar. Bħala identifikazzjoni, il-ħalib tal-baqra beda jinbiegħ fi flixkun tal-ħġieġ b'tapp lewn il-fidda, filwaqt li dak tal-mogħża kien ikħal.

M.M.U.

Fil-bidu tas-Snin Ħamsin il-U.N.I.C.E.F. ippreżentat żewġ impjanti għall-pasturizzazzjoni tal-ħalib għas-somma ta' 50,000 Ewro, makkinarju li kien inħadem mill-kumpanija *Messrs. J & E Hall of Dartford and Creamery Package Company Ltd* ta' Londra. Fl-1957 twaqqaf għal kollox il-bejgħ tal-ħalib mhux ippasturizzat fit-toroq u sena wara nfetħet fabbrika oħra ġewwa Għawdex. F'Ġunju tal-1961 kienet organizzata għall-ewwel darba l-*Milk Week*. Din kienet miftuħa mill-Gvernatur Sir Guy Grantham. Fis-Snin Sebgħin l-ammont ta' ħalib li kien qed jiġi pproċessat ta' kuljum kien ta' madwar 54,550 litru. Tajjeb ngħidu wkoll li l-*logo* tal-M.M.U. kien irreġistrat għand il-*U.S. Federal Trademark Registration* f'isem il-Gvern Malti fil-31 ta' Marzu tal-1977 bin-numru tar-reġistrazzjoni 89000281.

Il-kumpanija M.M.U. kienet xolta lejn l-aħħar tal-1985, sabiex fl-1 ta' Jannar tal-1986 il-Gvern Malti għadda t-tmexxija f'idejn il-*Malta Dairy Products Ltd.* L-M.D.P. twaqqfet minn tliet *shareholders* li kienu l-Koperattiva Produtturi tal-Ħalib (40%), il-*Malta Developing Corporation* (30%) u l-kumpanija Awstrijaka *Oemolk* (30%). Din il-kumpanija l-ġdida introduċiet l-isem *Benna* bi prodotti magħmula kollha mill-ħalib lokali. Imbagħad f'Settembru tal-1988 il-ħalib beda jiġi mibjugħ fil-pakketti tal-kartun u dan wara investiment kbir li kien sar mill-istess kumpanija. Fl-1993 il-Koperattiva Produtturi tal-Ħalib xtrat l-ishma tal-kumpanija Awstrijak u b'hekk l-M.D.P. ġiet kollha kemm hi Maltija.



**Id-Deni Rqiq jew il-Bruċellosi** kienet marda komuni ħafna f'Malta u għalhekk l-Ingliżi kienu laqqmuha l-*Malta Fever*. Il-marda kienet ikkawżata minn tip ta' *bacteria* u kienet ikkaratterizzata minn uġigħ fil-muskoli, enemija, uġiegħ ta' ras u deni. Rapport mediku maħruġ fl-1860 min-Navy Ingliża kien jgħid li "Il-port ta' Malta u l-ibħra

*ikompli f'paġna 79*

tal-madwar jidhru li qed iħallu effett ħażin fuq il-baħrin tagħna, b'mijiet jimirdu u anki jmutu". Għall-bidu t-tobba Ingliżi kienu taw tort lid-drenaġġ li kien jintrema fil-port, iżda fl-1887 it-tabib Sir David Bruce sab il-mikrobu fil-milsa ta' pazjent u hu tah l-isem ta' *Brucellosis melitensis.* Għaldaqstant fl-1904 l-Ingliżi u l-Gvern Malti waqqfu kummissjoni sabiex tistudja l-problema tal-Brucellosi. Sena wara t-tabib Sir Temi Zammit wasal f'konklużjoni li l-mikrobu kien jinsab fid-demm tal-mogħoż u għalhekk il-kawża prinċipali kienet ġejja mill-ħalib tagħhom. Għalhekk hu ssuġerixxa li din il-*bacteria* setgħet tkun ikkontrollata jekk ma jsirx aktar bejgħ ta' ħalib direttament mill-mogħoż u minflok ikun ippasturizzat.



**Sir David Bruce KCB, FRS, FRSE** twieled nhar id-29 ta' Mejju tal-1855 f'Melbourne l-Awstralja minn ġenituri Skoċċiżi. Ta' ħames snin hu rritorna l-Iskozja flimkien mal-ġenituri tiegħi. Bruce beda l-edukazzjoni tiegħu fi *Stirling High School* u aktar tard hu studja l-mediċina fl-Universita` ta' Edinburgh. Bejn l-1881 u l-1883 Bruce ħadem bħala tabib, sakemm fl-istess sena hu ssieħeb u sar membru fir-*Royal Army Medical Service.* Hu kien stazzjonat Malta bejn 1884 u l-1889 u kien hawnhekk illi hu skopra l-*bacteria* tad-Deni Rqiq. Mat-tluq tiegħu minn Malta hu kien maħtur Assitent Professur tal-Patoloġija fl-*Army Medical School* u aktar tard hu kompla bil-professjoni tiegħu mal-RAMC fl-Uganda fejn hemmhekk hu kompla jagħmel aktar riċerka fil-qasam mediku. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija David Bruce kien inħatar *Chairman* tal-kumitat tat-*Tetatus* u tat-*Trench Fever.* Hu rtira mill-karriera militari fl-1919 u miet f'Londra fis-27 ta' Novembru tal-1931.



**Sir Themistocles Zammit Kt., CMG, MD, D Litt (Oxon)** twieled fil-Belt Valletta fit-30 ta' Settembru tal-1864. Hu kien miżżewweġ lin-nobbli Aloysia Barbara dei Marchesi di San Giorgio u kellu żewġt itfal. Temi Zammit studja l-mediċina fl-Universita` tal-Malta fejn iggradwa fl-1889. Aktar tard hu mar ikompli l-istudji tiegħu fil-Bacterjologija fil-*King's College* ta' Londra u fl-*Ecole Superieure de Pharmacie* ta' Pariġi. F'Diċembru tal-1890 hu ngħata l-kariga t'Analista tal-Gvern u seba` snin wara dik t'Eżaminatur tal-Fiżika fl-Universita` ta' Malta. Fl-1905 Zammit sab il-*bacteria Brucellosis melitensis* fid-demm tal-mogħoż u li kienet qed tikkawża l-marda tad-Deni Rqiq. Lejn l-1920 Zammit serva bħala Rettur tal-Universita` ta' Malta u mbagħad bħala l-ewwel Direttur tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeologija. Temi Zammit kien arkeologist, storiku, professur fil-kimika, tabib, riċerkatur u kittieb. Hu miet fit-2 ta' Novembru tal-1935.